L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 6 ta' Awissu 2004

# Il-bir tas-skieken

L-inkwizizzjoni Rumana giet mahluqa biex tikkundanna l-erezija. Gvern Nazzjonalista Malti gie mahluq biex jikkundanna l-izbalji tan-natura umana. Is-suggetti tal-kastig : ic-cittadini.

Kull pass li jmidd il-poplu Malti jista' jiswa biex johloq debiti finanzjarji lejn l-istituzzjoni tal-Gvern.

Ic-cittadini Maltin kull mument qeghdin jilaghbu loghba noli bil-premesssa li kull meta jinqabda jaghmu xi haga kontra r-regoli jhallsu ta' ghemilhom bil-flus!

## Minghajr ghazla

Dan kollu c-cittadini ma jistghux jaghzlu li ma jippartecipawx fih. Din hi d-differenza bejn l-istituzzjonijiet tal-Gvern prezenti u n-nases finanzjarji tieghu li qeghdin jizdiedu kull jum u kwalunkwe entita' ohra.

Ic-cittadin jew konsumatur fir-relazzjoni tieghu ma' azjenda kummercjali normali ghandu l-libeta' li jaghzel jekk jixtrix il-prodott jew jiccahhadx minnu f'mumenti fejn ma jistax ghalih finanzjarjament. Fil-kaz ta' obbligi lejn il-Gvern dan ma jistax isir. L-obbligi finanzjarji li qeghdin jinholqu permezz ta' taxxi, multi, permessi ecc. Ma jiehdux in konsiderazzjoni l-qaghda finanzjarja tac-cittadin li jigi sottomess lilhom. Daqstant iehor hafna darbi ma jhallulu l-ebda liberta' jipprotesta konrithom, anke jekk jista' jkollu ragun.

## Prezunzjonijiet kontra c-cittadin

In-numru ta' prezunzjonijiet kontra c-cittadin qeghdin dejjem jizdiedu. Mentri fid-dritt penali l-prezunzjoni tkun dejem favur ic-cittadin (f'dan il-kaz l-akkuzat b'reat kriminali) donnu li Gvern Nazzonalista holoq generu gdid ta' prezunzjoni kontra c-cittadin. Kollox sar jaqa taht dak li teknikament jissejjah 'strict liability'.

Sewwieq li ma jircevix avviz ta' multa tat-traffiku d-dar hua prezunt li pprova jevitaha dolozament, fi kliem iehor, b'malizzja. U dan jissarraf fiz-zieda tal-multa minn Lm10 ghal xi Lm25 – cioe' zieda ta' 150%.

Il-gvern ser jipprezui wkoll li bini mixtri u li jigi spezzjonat minn periti tal-Gvern joghla fil-valur b'10% aktar mill-prezz iddikjarat fil-kuntratt ta' bejgh u xiri ghal ragunijiet fiskali. Ovvjament bis-sistema burokratika f'Malta l-perit koncernat jiehu zmien twil biex isur il-post koncernat u jaghmel dan wara li hafna xogholijiet ikunu diga saru biex jippenalizza permezz ta-taxxa z-zieda fil-valur li c-cittadin ikun lahaq ghmel fuq il-post. Persuni genwini li jkunu ddikjaraw l-ammonti reali qeghdin, ghalhekk, jehlu 't-taxxa ta' wara t-taxxa' intortament.

Persuni li jibaghtu formoli tat-taxxa u dokumenti ohra tard, ukoll huma prezunti li ghamlu dan b'malizzja u ovvjament, il-gest taghhom jissarraf f'munita ohra fil-karus tal-Gvern.

## Hobson's choice

Tendenza ohra hija dik ta' possibbilita' ta' oggezzjoni, izda li ma tinterrompix il-preskrizzjoni! Jigifieri li menti wiehed joggezzjona ghal talba ta' hlas ta' taxxa tal-Gvern, l-interessi jibqghu

telghin minkejja l-oggezzjoni. Mela', mentir min-naha l-Gvern jaghtik il-fakulta' ta' oggezzjoni, jekk toggezzjona u ma tghaddix tieghk, l-interessi jibqghu telghin kontrik. Ghalhekk flimkien ta' l-oggezzzjoni ghandek ir-riskju li eventwalment id-debitu ta' taxxa jikber ghal ferm aktar milli kien dovut originarjament. Allura l-ghazla vera tac-cittadin qieghda biss f'li jew jaqbad u jhallas avolja jkollu kull dritt joggezzjona, jew joggezzjona, jidhol ghar-riskju li ma jigix emmnut, u jekk ma jigix emmnut ihallas ferm aktar. Huwa ezempju tajjeb ta' Hobson's choice.,

L-istess fil-kaz ta' hlas ta' citazzjonijiet tat-traffiku. L-ghazla vera li ghandu c-cittadin hija bejn jaqbadx u jhallas u 'jehel' jew inkella jekk jitlax quddiem it-tribunal jikkontesta c-citazzjoni u jissogra li filwaqt li jkun tilef gurnata xoghol jew 'leave' (li dik se tintilef dejjem – anke jekk tghaddi tieghu) finalment jissogra li wkoll jitlifha – li jfisser li jehel ferm iktar milli hija.

**Loghba tal-hin**

Dan kollu qed iwassal ukoll ghal loghba tal-hin tal-Gvern mac-cittadin. Gvern attrezzat minn fuq s'isfel b'nies jahdmu 'full-time' biex jikkontrollaw il-harsien tal-perjodi ta' preskrizzjoni min-naha tal-Gvern u c-cittadin min-naha l-ohra bl-elf hsieb personali tieghu li jrid jahseb ukoll f'meta jiskadulu t-termini ghal hwejjeg differenti.

Persuna li sempliciment, per ezempju, tinsa tibat cekk fil-hin, se tbati zieda fl-ammont dovut. Daqshekk iehor tbati persuna li tibghat cekk tard. U daqhekk iehor tbati persuna li baghtet oggezzjoni tard. Kull zball uman qed igib mieghu debitu finanjzarju aktar favur il-Gvern.

Dan f'kazijiet fejn il-Gvern stess ma jkunx qed jippartecipa u jinstiga l-falliment tac-cittadin. Mhux l-ewwel darba li l-Gvern igib lic-cittadin f'sitwazzjoni fejn ma jistax ma jiksirx il-ligi.

Hawn persuni li ghandhom ordni tal-Qorti biex ibieghu d-dar u ma jistghux jesegwixxu din l-ordni minhabba li handhom bzonn xi karti minghand il-Housing Department.
Persuni ohrajn jispiccaw bla licenzja tas-sewqan minhabba li ghadha ma waslitilhomx. Ma smajt bl-ebda kaz fejn f'dawk il-kazijiet li wehlu multa ghax ma kellhomx licenzja mwahhla mal-'windscreen'inhafritilhom ghax ma kienx tort taghhom.

F'dawn il-kazijiet ic-cittadin qed jehel multi purament minhabba d-dewmien ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport.

**Ugwaljanza fl-armi**

Fil-ligi jezisti wkoll il-principju li c-cittadin ikollu ugwaljanza fl-armi. Dan ma jfisser xejn hlief li c-cittadin ikollu dritt quddiem qrati ecc. l-ghajnuna ta' avukat ecc., u mhux jispicca vittma ta' l-inesperjenza tieghu. Mid-dehra f'dawn il-kazijiet iz-zghar u ta' taxxa tal-Gvern dan il-pincipju ma japplikax.

**Stealing jew pilfering**

Ghal min ma jafx il-kelma 'serq' bl-Ingliz, barra li tista tigi tradotta bhala 'stealing' tista wkoll tigi tradotta bhala 'pilering'. Pilfering tfisser li flok ma tisraq ammonti kbar f'daqqa – li jkunu devastanti – tisraq ftit ftit halli sid il-flus ec ma jindunax jew inkella jekk jinduna ma jaghtix kas. Jigifieri flok tisraq mitt lira f'daqqa tisraq hamsa kull gimgha !

Pero' fis-sitwazzjoni ta' kif il-Gvern qieghed prezentement, ftit ftit, jisraq but ic-cittadin forsi anke bla ma jintebah, din il-kelma tista' wkoll tkun il-'buss word' ta' l-okkazjoni ! Jekk Oliver Twist jilbes il-glekk ma jfissirx li ma jibqax Oliver Twist !

U l-loghba noli,jew 'monopoly' sejhulha li tridu tkompli ghaddejja – bi premessa wahda …. li l-Gvern ma jista' jitlef qatt. Min ghandu l-widnejn ha jisma'.